L-EŻAMI TA' NOFS IS-SENA

IL-MALTI

2015-2016

IT-TIENI SENA	(Il-Qari u l-Kitba) LIVELL 7-8	IL-ĦIN: Sagħtejn

L-Isem u l-kunjom: _____ Il-Klassi: _____

Għall-istudent/a:

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**
2. **Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**

Għall-għalliema:

Il-MARKI	**It-Taħdit**	**10**	
	Is-Smigħ	**10**	
	Il-Qari u l-Kitba	**80**	
	IT-TOTAL	**100**	

Taqsima	**A**	**B**	**Ċ**	**Di**	**Dii**	**E**	**TOTAL**
Marka	**14**	**10**	**6**	**15**	**15**	**20**	**80**
Marka tal-Istudent/a							

IS-SILTA TAL-FEHIM MILL-QARI

Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.

Kelb Bravu

Bejjiegħ tal-laħam kien qiegħed ġol-ħanut meta ra kelb b'qoffina f'ħalqu jipponta biex jidħollu ġol-ħanut. Ipprova jgerrxu imma l-kelb baqa' jippersisti sa ma daħal. Ir-raġel induna li ġo dik il-qoffina kien hemm karta u ma' għonq il-kelb kien hemm imdendla borża żgħira bil-flus fiha.*(par. 1)*

Tal-laħam induna x'ried dan il-kelb għalhekk poġġielu l-laħam li kellu bżonn ġol-qoffina, tefagħlu l-bqija ġol-borża u reġa' dendilhielu m'għonqu. Il-kelb dlonk qabad il-qoffina b'ħalqu u telaq lura minn fejn kien ġie. Dan ir-raġel baqa' impressjonat. Peress li kien sar il-ħin biex jagħlaq iddeċieda li jmur warajh. *(par. 2)*

Il-kelb beda miexi u f'mument minnhom ried jaqsam it-triq. Huwa mar ħdejn id-dwal tat-traffiku, niżżel il-qoffina mal-art u b'qabża għafas il-buttuna biex jieqfu l-karozzi. Hekk kif id-dawl qaleb aħdar, il-kelb qasam u warajh qasam tal-laħam. *(par. 3)*

Il-kelb baqa' sejjer fuq l-istejġ jistenna l-karozza tal-linja. Malli ġiet l-ewwel karozza l-kelb ħareġ jara n-numru u reġa' lura f'postu. Malli ġiet it-tieni karozza tal-linja l-kelb rikeb. Hu qagħad bilqiegħda fl-ewwel post u wara xi għoxrin minuta qam u mar ħdejn ix-xufier. Dan waqqaf il-karozza, fetaħlu l-bieba u l-kelb niżel bil-qoffina f'ħalqu. Tal-laħam baqa' mbellah! *(par. 4)*

Il-kelb baqa' miexi u wara ftit kiser biex jidħol f'dar. Ipprova jagħmel is-saħħa biex jimbotta l-bieb imma għalxejn. Għalhekk tela' fit-tieqa u beda jħabbat rasu mal-ħġieġa għal ħafna drabi. Fl-aħħar raġel kbir deher jiftaħ u hekk kif il-kelb mexa pass 'il ġewwa dan beda jsawtu bla ħniena. Tal-laħam ma felaħx aktar u mar iwaqqfu. Qallu li qatt ma kien ra kelb hekk bravu. Iżda r-raġel l-ieħor kien pront irrispondieh li kieku l-kelb kien bravu ma kienx jerġa' jinsa ċ-ċavetta warajh! *(par. 5)*

Ċerti nies f'din id-dinja ma jikkuntentaw b'xejn u dejjem iridu jsibu xi difett jew x'jikkritikaw. Jekk trid tgawdi lil ta' madwarek tgħallem ara s-sabiħ u t-tajjeb fihom u mhux tfittex id-difetti tagħhom. *(par. 6)*

(Adattament minn *Flimkien Marzu 2010*)

Taqsima A. Il-Fehim mill-Qari	(14-il marka)	___ 14

Wieġeb il-mistoqsijiet fi kliemek skont is-silta li qrajt.

1. Għaliex taħseb li l-kelb xorta daħal fil-ħanut minkejja li l-bejjiegħ tal-laħam ipprova jkeċċih?

   _____

   _____**(marka)**

2. X'taħseb li kellu miktub il-kelb f'dik il-karta li kellu fil-qoffina?

   _____

   _____**(marka)**

3. Għaliex taħseb li "dan ir-raġel baqa' impressjonat" (par 2)?

   _____

   _____**(marka)**

4. Taħseb li t-triq li ried jaqsam il-kelb kienet waħda traffikuża? Agħti raġuni għat-tweġiba tiegħek.

   _____

   _____**(2 marki)**

5. Taħseb li l-kelb kien jaf in-numru tal-karozza li ried jirkeb? Agħti raġuni għat-tweġiba tiegħek.

   _____

   _____ **(2 marki)**

6. X'jurik li x-xufier kien jaf lill-kelb?

   _____

   _____**(marka)**

7. Agħti żewġ raġunijiet għaliex taħseb li l-kelb beda jħabbat rasu mal-ħġieġa tat-tieqa?

   _____

   _____

   _____**(2 marki)**

8. "Tal-laħam ma felaħx aktar u mar iwaqqfu" Agħti żewġ raġunijiet għaliex taħseb li għamel dan?

   _____

   _____

   _____**(2 marki)**

9. Taħseb li għad hawn min jagħmel bħal dan ir-raġel u jsawwat 'l-annimali? Għaliex taħseb hekk?

   _____

   _____

   _____**(2 marki)**

Taqsima B. Il-Grammatika	**(10 marki)**	___ **10**

1.	Agħti **l-għadd imtenni** ta’: pass (par. 5)	(marka) _____
2.	Agħti **l-farrad waħdieni** ta’: laħam (par. 1)	(marka) _____
3.	Agħti **l-plural sħiħ** ta’: xufier (par. 4)	(marka) _____
4.	Sib **plural miksur** mit-tielet paragrafu:	(marka) _____
5.	Mill-ewwel paragrafu sib u ikteb frażi li qiegħda **fl-istat kostrutt**:	(marka) _____
6.	Minn paragrafu tnejn sib verb **kwadrilitteru**:	(marka) _____
7.	Minn paragrafu 5 sib il-verb li għandu **l-għerq**:	
	a. **s-w-t**	(marka) 7a._____
	b. **n-s-j**	(marka) 7b._____
8.	Mir-raba’ paragrafu sib **pronom dimostrattiv**	(marka) _____
9.	Uża **l-pronomi mehmużin** sabiex tikteb il-frażi mogħtija f’kelma waħda: *ħdejn id-dwal tat-traffiku*	(marka) _____

Taqsima Ċ. Il-Kitba Funzjonali	(6 marki)	6

Agħżel **waħda** minn **Ċ1 JEW Ċ2**.

▶ **Ċ1.** Iz-ziju għadu kemm tak kelb biex trabbih. Hu tak struzzjonijiet kif għandek tieħu ħsieb dan il-kelb. Ikteb dawn **l-istruzzjonijiet** f'madwar **40-60 kelma**.

JEW

▶ **Ċ2.** Il-ġenituri tiegħek ħarġu kmieni għax-xogħol għalhekk ħallewlek karta bl-istruzzjonijiet sabiex filgħodu tipprepara l-ħobż tal-iskola għalik u għal ħutek. Ikteb dawn **l-istruzzjonijiet** f'madwar **40-60 kelma**.

Immarka n-numru tal-mistoqsija magħżula ▶	❑ Ċ1	❑ Ċ2

D. Il-Letteratura	(30 marka)	____ 30

Di. Il-Poeżija (Nadriet 2 ta' Tarċisju Zarb) **(15-il marka)**

1. Din hija l-poeżija **It-Tokki tal-Paternoster** ta' Achille Mizzi.

Fejn hu l-Paternoster,
nann ...?
u l-kafé fl-istanjata
jgħanni
is-sħana tal-friex
irdussat ?
Fejn hu l-Paternoster
li jgerrex
bis-setgħat
tal-kampnari mirjieħa
l-għefiered
li jħufu
fid-dalma tal-lejl.

a. Lil min qiegħed jindirizza l-poeta f'din il-poezija? X'tissejjaħ din ?

_____**(2 marki)**

b. Lil poeta fiex ifakkru l-Paternoster?

_____**(marka)**

ċ. Xħin kien idoqq il-Paternoster u għaliex kien idoqq dak il-ħin?

_____

_____**(2 marki)**

d. X'jissejħu l-mistoqsijiet li hemm f'din il-poeżija?

_____**(marka)**

e. X'tip ta' poeżija hi din?

_____

_____**(marka)**

f. X'vers qiegħed juża l-poeta f'din il-poeżija ?

_____

_____**(marka)**

ġ. Għaliex taħseb li llum il-Paternoster m'għadux jindaqq ?

_____

_____**(marka)**

2. Aqra din l-istrofa meħuda mill-poeżija ta' Joe Friggieri, **Id-Dwejra** u wara wieġeb il-mistoqsijiet:

Qabli kien hawn
dal-ġebel tiela' minn ġol-baħar
dal-blat maqtugħ tal-Ġeneral
das-sħab irqiq
iħokk mal-preċipizzju
daċ-ċagħaq jitgerbeb fuq ix-xatt
u dal-farfett-dragun dib-ix-xitan
iżiġġ fuq l-ilmijiet
u jerġa' lura.

a. X'jiġifieri meta l-poeta jgħid fl-ewwel vers jgħid "**Qabli**" ?

_____**(marka)**

b. Għalxiex qiegħed jirreferi l-poeta meta jgħid "**dal-blat maqtugħ tal-Ġeneral**" ?

_____**(marka)**

ċ. Fisser fi kliemek: " **das-sħab irqiq**
iħokk mal-preċipizzju".

_____

_____**(marka)**

d. X'inhu "**dal-farfett-dragun**" ?

_____**(marka)**

e. X'inhuma dawn "**l-ilmijiet**" li qiegħed jirreferi għalihom il-poeta fit-tmien vers?

_____ **(marka)**

f. X'inhu l-messaġġ ewlieni ta' din il-poeżija?

_____ **(marka)**

Dii. Ir-Rumanz (Fuklar Qadim u Bnadar Imċarrta ta' Trevor Żahra). **(15-il marka)**

1. Semmi żewġ bnadar li għaraf Toni minn dawk li sab wara l-fuklar.

_____

_____

_____**(2 marki)**

2. Oħroġ żewġ differenzi bejn iz-zija Antida u omm Toni.

_____

_____

_____

_____**(2 marki)**

3. F'madwar erba' sentenzi għid kif Toni kien iqabbel il-bniedem mal-bnadar.

_____

_____

_____

_____

_____

_____

_____

_____

_____

_____

_____**(4 marki)**

4. Iddeskrivi fil-qosor liz-zija Ġemma.

_____

_____

_____

_____

_____

_____**(2 marki)**

5. Kieku int kont flok Toni għid f'madwar **60 kelma** x'kont tagħmel u x'kont tistaqsi lill-ispirtu ta' Paċifiku li kien hemm fil-kamra t'ommu.

_____

_____

_____

_____

_____

_____

_____

_____

_____

_____

_____

_____**(5 marki)**

E. Il-Komponiment **(20 marka)**	_____ **20**

Agħżel **WIEĦED** mit-titli li jolqtok u ikteb komponiment ta' madwar **250 kelma** fuqu fil-linji pprovduti.

1. **Narrattiv:** *Ibda l-komponiment b'dan li ġej:* Kien hemm dlam ċappa u bdejt ngħaġġel kemm niflaħ biex infittex nasal imma f'daqqa waħda smajt twerżiqa kbira ...

2. **Deskrittiv:** Il-ġirien tiegħi.

3. **Argumentattiv**: X'l-aħjar nużaw biex nivjaġġaw, il-karozza tagħna jew mezzi oħra? Iddiskuti.

Spazju biex tagħmel il-pjan tal-kitba tiegħek. (Ma jingħatawx marki għall-pjan.)

Immarka n-numru tal-komponiment magħżul ▶	❑ 1	❑ 2	❑ 3

TMIEM IL-KARTA